# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IT-TLIETA, 5 TA' MARZU 2019

**Rik. Nru. 101/2019 RGM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 101/2019 fl-ismijiet:

**Leontine Bondin**

**vs**

**Michelle Bondin**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta' Jannar 2019, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimat milli

Tbiegh, tittrasferixxi, tnehhi jew tiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruz jew gratwitu, inkella tghaddi b'xi dritt jew piz, reali jew personali, favur terzi, jew xi parti jew sehem indiviz minnu, jew iccedi jew tirrinunzja ghal

xi jedd li ghandha, jew tirregistra fir-Registru Pubbliku u/jew fir-Registru tal-Artijiet kwalsiasi trasferiment jew kostituzzjoni ta' dritt fuq il-fond ufficjalment markat bin-numru dsatax (19), b'razzett u bicca art li taqbez in-nofs tomna, accessibbli minn sqaq li jizbokka fi Pjazza l-Vittorja, Xaghra, Ghawdex, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu.

Illi l-esponenti hija l-wild naturali ta' Victor Curmi, bin il-mejtin Anthony Curmi u Michelina Curmi *nee`* Sultana, imwieled Xaghra, Ghawdex fl-1 ta' Settembru, 1958 u kien residenti Xaghra, Ghawdex, bin-numru tal-karta tal-identita` 45858M, kif jidher mir-rizultat tat-testijiet tal-paternita` ezegwiti ricentement (Dok. A) u mic-certifikat tal-maghmudija tal-esponenti (Dok. B.)

Illi Victor Curmi miet fit-12 ta' Jannar, 2017, u s-successjoni tieghu tinsab regolata bl-ahhar testament li huwa ghamel fl-atti tan-Nutar Dottor Josianne Mifsud tad-29 ta' Lulju, 2016 (Dok. C sa E), li permezz tieghu nnomina b'eredi universali tieghu lill-intimata Michelle Bondin, oht naturali tal-esponenti mill-istess omm Domenica Bondin xebba Caruana u mill-istess missier Victor Curmi.

Illi fost gid iehor, l-imsemmi Victor Curmi kellu bi proprjeta` l-kwota ta' nofs indiviz (1/2) mid-dar bin-numru 19, b'mandra *ossia* razzett anness maghha u b'bicca art attigwa formanti parti integrali mid-dar, tal-kejl din il-bicca art li taqbez in-nofs tomna, accessibbli minn sqaq li jizbokka fi Pjazza l-Vittorja, Xaghra, Ghawdex, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, kif iddikjarat l-intimata stess fil-kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis* pubblikat min-Nutar Dottor Aryton Buhagiar tal-4 ta' Ottubru, 2017 (Dok. F).

Illi l-esponenti diga pprocediet gudizzjarjament ghad-dikjarazzjoni gudizzjarja tal-paternita` taghha fil-persuna tal-imsemmi Victor Curmi, liema proceduri fl-ismijiet **Leontine Bondin vs. Domenica Bondin et** (Rik. Gur. Nru. 214/2018JPG) ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Civili

(Sezzjoni tal-Familja) u differiti ghall-kontinwazzjoni ghat-22 ta' Frar, 2019. (Dok. G). <u>L-intimata ma tikkontestax din il-paternita` naturali tal-esponenti.</u>

Illi l-esponenti talbet lill-intimata sabiex tersaq ghall-hlas tas-sehem rizervat favur taghha fuq il-wirt ta' missierhom Victor Curmi permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Novembru, 2018 (Dok. H), *pero`* sal-lum l-intimata ma hallset xejn.

Illi l-esponenti saret taf li l-intimata ohtha diga ddisponiet minn proprjeta` immobbli li kellu sehem fiha missierhom Victor Curmi (Dok. I), bi prezz dikjarat li huwa ferm anqas mill-prezz tas-suq, u *inoltre* li nnegozjat b'konvenju ta' tpartit ghall-beneficcju tas-sieheb taghha l-uniku kwota minn proprjeta` immobbli ohra li jibqalha mill-wirt tal-istess missierhom.

Illi huwa car li l-intimata qed taghmel minn kollox sabiex, sakemm jigu decizi l-proceduri pendenti dwar il-paternita` naturali tal-esponenti, tkun lahqet iddisponiet mill-gid kollu li halla missierhom, sabiex ma tkunx aktar f'qaghda li thallas lill-esponenti s-sehem rizervat favur taghha u dovut lilha bil-ligi mill-intimata fuq l-assi ereditarju ta' missierhom.

Illi sa fejn taf l-esponenti, l-intimata ma tahdimx, hija *single mother* bi tlett itfal, u m'ghandiex gid proprju, mobbli jew immobbli, li fuqu l-esponenti tkun tista' tezegwixxi gudikat dwar is-sehem rizervat favur taghha fuq il-gid li kellu l-imsemmi Victor Curmi.

Illi huwa ghalhekk mehtieg li din il-qorti tinibixxi milli tbiegh, tittrasferixxi, tnehhi jew tiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruz jew gratwitu, inkella jghabbi b'xi dritt jew piz, reali jew personali, favur terzi, jew xi parti jew sehem indiviz minnu, jew iccedi jew tirrinunzja ghal xi jedd li ghandha, jew tirregistra fir-Registru Pubbliku u/jew fir-Registru tal-Artijiet kwalsiasi trasferiment jew kostituzzjoni ta' dritt, fuq l-imsemmi fond fix-Xaghra, Ghawdex.

Illi *inoltre*, ghar-ragunijiet fuq spjegati, huwa mehtieg li din il-Qorti tilqa’ dan il-mandat **provvizorjament b’effett immedjat**.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta’ Jannar 2019, li bih laqgħet it-talba b’mod provviżorju, ordnat in-notifika tar-rikors u dan id-digriet lill-intimata b’għaxart ijiem għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għad-19 ta’ Frar 2019[1];

Rat ir-risposta mressqa mill-intimata fl-1 ta’ Frar 2019[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba tar-rikorrenti u tgħid kif ġej:

1. **Illi** l-intimata umilment tirrileva primarjament illi ‘*l-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat*’ [Art 873.1 tal-Kap 12]

2. **Illi** huwa *ormai* pacifiku fil-gurisprudenza ‘*illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ Mandat bhal dak.* L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li **r-rikorrenti jidher ghandu, mad-daqqa t’ghajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet** [Sotto linear ta’ l-esponenti]. *Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta’ mandat bhal dak’* [Prim Awla tal-Qorti Civili Charles Mugliette vs Saviour Bonnici 25/01/05 per Onor J.R. Micallef].

3. **Illi** gie ukoll ritenut illi ‘*il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu jitnehha* ***darba ghal dejjem u b’mod irrimedjabbli***’ [Prim Awla tal-Qorti

[1] Paġna 3 tal-proċess.
[2] Paġna 33 tal-proċess.

Civili Charles Mugliette vs Saviour Bonnici 25/01/05 per Onor J.R. Micallef]

4. **Illi** r-rikorrenti fir-rikors promoter tibbaza t-talba taghha fuq il-fatt mhux legalment sostnut li hija bint certu Victor Curmi, meta fl-intestatura tar-rikors stess fejn tnizzlu l-konnotati tar-rikorrenti wiehed isib ***'Leontine Bondin (ID 435493M) xebba bint <u>Joseph Bondin</u> u Domenica nee` Caruana imwielda l-Pieta` u toqghod Zabbar'.***

5. **Illi** jigi umilment rilevat illi huwa inutili li r-rikorrenti fil-korp tal-mandat tallega li hija bint id-defunt Victor Curmi u in sostenn ta' din l-allegazzjoni tesebixxi:

(i) Certifikat tal-maghmudija rilaxxjat mill-Parrocca tax-Xaghra;

(ii) Rizultat ta' testijiet genetici u kopja ta' rikors guramentat ipprezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn r-rikorrenti li **<u>illum ghandha hamsa u ghoxrin (25) sena</u>** qed titlob li tigi rikonoxxuta bhala bint id-defunt Victor Curmi.

Ghaliex dawn ma jeghlbux il-presunzjoni legali emanenti mill-ligi.

6. **Illi** jigi rilevat umilment li ma tistax din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li *prima facie* ir-rikorrenti hija l-wild naturali tad-defunt Victor Curmi u konsegwentement ghandha ragun fil-pretensjoni li qed tipprova tikkawtela meta c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti (Dik A) juri li hija l-wild ta' certu Joseph Bondin. Kif tista' wiehed jistaqsi, din il-Qorti fuq bazi *prima facie* tiskarta l-presunzjoni legali kif emanenti minn artikolu 67 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta u kif ukoll dak li jinghad f'artikolu 81 ta' l-istess Kap li jipprovdi:

(1) Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.

7. **Illi** l-esponenti umilment thoss illi fl-eventwalita` li din l-Onorabbli Qorti takkolji t-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur tkun qeghda indirettament tiddeciedi/tippronuncia ruhha fuq azzjoni ohra pendenti quddiem il-Qrati ghaliex ikun pronunciament guridiku li jistabilixxi li r-rikorrenti hija il-wild tad-defunt Victor Curmi, haga li fl-umli opinjoni ta' l-esponenti hija l-mertu ta' azzjoni ohra pendenti quddiem dawn il-Qrati. Dan meta l-istat legali tar-rikorrenti juri mod iehor.

8. **Illi** minghajr ebda disrispett ghandu jigi sottolineat li r-rikorrenti ghandha hamsa u ghoxrin (25) u ma jirrizultax li kien hemm xi ostaklu impellenti li pprekludiha milli tintavola azzjoni qabel fejn ikun hemm pronuncjament guridiku li jbiddel l-istat taghha kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid. Kien biss f'Lulju 2018 li r-rikorrenti ghazlet li tintavola l-azzjoni apposita sabiex tbiddel l-istat taghha u teghleb il-presunzjoni legali u ghalhekk fl-umli fehma ta' l-esponenti qabel din l-azzjoni tigi konkluz definittivament b'ezitu favorevoli ghaliha fis-sens li jkun hemm pronuncjament guridiku li hija l-wild ta' Victor Curmi, l-procedura *de quo* tfalli ghaliex id-dritt li fuqu tibbaza l-perensjoni huwa mankanti u f'dan l-istadju inesistenti *multo magis* esistenti *prima facie*.

9. **Illi** finalment u ghall-kompletezza l-esponenti tirribadixxi dak li nghad fir-rikors promotur fejn tinghata stampa fejn qisha xi wahda tghix biss bl-assistenza socjali. L-esponenti waqfet tahdem bhala *manager* f'November 2018 peress li kellha tarbija recentement u bi hsiebha terga' tibda tahdem dalwaqt.

**GHALDAQSTANT** l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba kif kontentuta fir-rikors promotur bl-ispejjes kontra taghha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2019, fejn ħalliet ir-rikors għall-provvediment in camera.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti b'dan il-mandat trid iżżomm lill-intimata milli tbiegħ, tittrasferixxi jew b'xi mod ieħor tgħabbi favur terzi, jew parti jew sehem indiviż jew tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku u/jew fir-Reġistru tal-Artijiet il-fond uffiċjalament immarkat bin-numru dsatax (19), b'razzett u biċċa art li taqbeż in-nofs tomna, aċċessibli minn sqaq li jiżbokka fi Pjazza l-Vittorja, Xagħra, Għawdex li l-intimata wirtet minn Victor Curmi.

Illi l-intimata hija reġistrata fir-Reġistru Pubbliku bħala l-wild tar-raġel ta' ommha u ċioe il-wild ta' Joseph u Domenica Bondin.

Illi ir-rikorrenti flimkien mal-intimata u hu l-mejjet Victor Curmi volontarjament resqu għat-test tad-DNA li ċċertifika li r-rikorrenti hija l-wild naturali tal-mejjet Victor Curmi.

Illi Victor Curmi miet fit-12 ta' Jannar 2017 u b'testment redatt fid-29 ta' Lulju 2016 fl-atti tan-Nutar Josianne Mifsud huwa ħalla bħala werrieta universali lill-intimata Michelle Bondin, bint ukoll Victor Curmi u Domenica Bondin.. In vista ta' dan, ir-rikorrenti talbet lil oħtha l-intimata sabiex tersaq għall-ħlas tas-sehem riżervat, iżda jidher li din baqgħet inadempjenti. Jirriżulta mill-atti li l-intimata diġa t-trasferit proprjetà li hija wirtet minghand Victor Curmi lil terzi u għalhekk b'dan il-mandat ir-rikorrenti trid li żżomm lill-intimata milli tkompli tiddisponi mill-proprjetà tad-decujus.

Illi fit-3 t'Awwissu 2018 ġew istitwieti mir-rikorrenti proċeduri ta' paternità quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex jiġi rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid li Leontine Bondin hija bint Victor Curmi liema proċeduri għadhom pendenti.

Ikkunsidrat

Illi l-mandat interpost mir-rikorrenti huwa wieħed ġenerali maħsub taħt l-**Artikolu 873 tal-Kapitolu 12**. Huwa ben saput li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.[3]

Illi bil-liġi r-rikorrenti trid tissodisfa żewġ elementi sabiex jistħoqqilha tikseb il-ħruġ tal-mandat: **(a) trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, u (b) ir-rikorrenti tkun tidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.**[4]

Illi l-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux suġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Illi bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Tajjeb jingħad ukoll

[3] Artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12.
[4] Artikolu 873 (2) tal-Kapitolu 12.

li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd.

Illi jeħtieġ lill-Qorti wkoll li flimkien maż-żewġ elementi surreferiti, tikkonsidra l-element tal-preġudizzju. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.[5] B'irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser li *'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'.* Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħrug tal-Mandat. Huwa għalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali.[6]

Ikkunsidrat

***Prima facie***

Illi *a contrario* ta' dak sottomess mill-intimata, ir-rikorrenti uriet prima facie li għandha dritt li jeħtieġilha tissalvagwardja u dan sabiex tenforza l-jeddijiet li tippretendi li għandha bħala l-wild naturali tal-mejjet Victor Curmi. Is-sottomissjoni tal-intimata li l-element tal-*prima facie* huwa nieqes għaliex ir-rikorrenti għadha mhiex reġistrata bħala l-wild naturali tad-decujus ma hiex fondata.

[5] **Muriel Thake vs. Lars Olav Valdemar Grill et** (Mand. Inib. Nru 1712/2017 degretat fis-27 ta' Diċembru 2017.

[6] **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** (Rik Nru 2086/1997) degretat fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs. Marin Hili** (Rik Nru 3135/94) degretat fit-22 ta' Settembru 1995.

Illi jirriżulta li r-rikorrenti flimkien mal-intimata volontarjament issottomettew għal test xjentifiku sabiex jiġi kkonfermat jekk ir-rikorrenti hijiex il-wild naturali tal-mejjet Victor Curmi. In sostituzzjoni tad-decujus, it-test xjentifiku sar fil-konfront ta' ħu Victor Curmi u irriżulta mit-test tad-DNA li Leontine Bondin hija fil-fatt bint Victor Curmi. Di piu, fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2019 l-intimata stess xehdet[7] li r-rikorrenti kienet magħrufa bħala l-bint naturali tal-mejjet Curmi. Dan hu konfermat ukoll mill-fatt li fuq iċ-ċertifikat tal-magħmudija tar-rikorrenti hemm imniżżel Victor Curmi bħala missierha.

Illi l-fatt li uffiċjalment ir-rikorrenti hija reġistrata bħala bint terza persuna u l-fatt li teżisti kwistjoni dwar il-paternità tal-istess, ma jfissirx b'daqshekk li r-rikorrenti m'għandhiex interessi x'tikkawtela.[8] Bl-ebda mod din il-Qorti m'hi qed tiddeċiedi l-mertu ta' kawża pendneti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja); il-Qorti qiegħda tagħti l-provvediment tagħha solament mad-daqqa t'għajn u għalhekk m'għandha bl-ebda mod timpinġi fuq l-eżitu tal-kawża ta' paternità.

***Ħtieġa tal-mandat***

Illi mill-atti rriżulta illi l-intimata ġia biegħet proprjetà li wirtet mingħand id-decujus. L-intimata tirribati l-ħtieġa tal-mandat billi tgħid li hija waqfet taħdem bħala *manager* f'Novembru 2018 peress li kellha tarbija riċentament, iżda naqset milli ġġib prova illi hija għandha assi oħra sabiex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Illi dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' dak li ġie ritenut fir-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1641/2014 LSO fl-ismijiet **L-Università ta' Malta vs. Joseph Micallef et** (degretat fil-11 ta' Novembru 2014):

---

[7] Paġna 44 tal-proċess.
[8] Ara **Avukat Dottor Carmelo Galea pro et noe vs. Salvatore magħruf ukoll bħala Sam Portelli et** (Appell Ċivili Nru 129/1997) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-11 t'April 2006.

"Rigward it-tieni element, u cioe' dak ta' pregudizzju rrimedjabbli, ma jirrizultax li l-intimati ghandhom assi ohra li jistghu joffru in garanzija tal-kreditu pretiz, u fid-dawl ta' tali mankanza, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti tista' ssofri tali pregudizzju jekk il-mandat ma jintlaqax fil-konfront tal-intimati fuq l-proprjeta` taghhom kif deskritta fir-rikors promotur."

Illi għalhekk minbarra l-element tal-jedd mad-daqqa t'għajn, ir-rikorrenti uriet b'mod sodisfaċenti lil din il-Qorti li hemm il-ħtieġa li l-Mandat jinħareġ.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Leontine Bondin tat-28 ta' Jannar 2019 billi:

1. Tilqa' t-talba u tordna l-ħruġ tal-Mandat fit-termini kif mitluba;

2. Tordna, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi dan id-digriet jiġi fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa (24) notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur ta' l-Artijiet spejjeż a kariku tar-rikorrenti; u

3. Tagħti lir-rikorrenti żmien ta' tlettin (30) jum mid-data tad-deċiżjoni finali tal-kawża fl-ismijiet Leontine Bondin vs. Domenica Bondin et (Rik. Ġur. Nru. 214/2018 JPG) sabiex tressaq kawża bil-pretensjonijiet tagħha dwar il-jedd imsemmi fir-rikors.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

**Mogħti kameralment illum it-Tlieta, 5 ta' Marzu 2019..**

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**